National Commission
Persons with Disability

# Blue Badge Scheme

## DESCRIPTION

**What does the scheme consist of?**

People who have a mobility impairment may be issued with a Blue Badge in their own name.  The Blue Badge enables the individual to park the vehicle which they are travelling in, in parking bays reserved for persons with disability.

The Blue Badge is designed on the European model and is recognised in all European Union member states.

## ELIGIBILITY

**Who is eligible for a Blue Badge?**

Persons with a mobility impairment who fulfil one of the following criteria:

- People with a permanent visual impairment, who even with corrective measures, have a resulting loss of vision not exceeding 6/60 in the better eye, or who have visual limitation preventing them from seeing from an angle of at least grade 20(tunnel vision) and who use a motor vehicle on a regular basis.
- Persons who have a severe permanent impairment in both arms and who drive a car regularly, but who cannot use a motor car steering wheel, even if it is equipped with a steering wheel knob.
- Persons who have permanent and severe physical impairment which prevents them from walking, or who do so with great difficulty, or for whom any effort at walking would be detrimental to their lives on account of their impairment and who make use of a motor vehicle on a regular basis.
- Persons with a severe mental impairment or who exhibit severe challenging behaviour and who require frequent assistance and/or supervision during the day and night and who make use of a motor vehicle on a regular basis
- Children under the age of two years do not qualify for the Blue Badge.

## PROCEDURE

**How can I apply for a Blue Badge?**

- First of all you must be registered with KNPD.  This can be done by filling in the requested information on the application form.
- You must also fill in the Blue Badge application which is available from our offices of KNPD.  The application form includes a small sticker which the applicant must sign.
- You will be given an appointment so that you can be seen by a KNPD professional consultant at the KNPD premises.
- The Blue Badge may be issued on a permanent basis, however it must be renewed every five (5) years. Alternatively, the Blue Badge may be issued on a temporary basis for a shorter time-span.
- If your application is refused, you may appeal by writing to the Commissioner of Police.

**What documents do I need?**

- A fully filled-in application form including the doctor's certificate.
- The applicant's signature on the small sticker included with the application form.
- Two recent passport-sized photographs, one of which must be endorsed by a recognised person of professional status.
- A one-time service fee of  €11.50.

## USING THE BLUE BADGE RESPONSIBLY

- The Blue Badge must only be used by the person on whose name it is issued.
- When parking in places reserved for persons with disability the Blue Badge must be prominently displayed on the vehicle's windscreen.  The photograph side should not be displayed.
- If for some reason the Blue Badge becomes illegible it should be replaced immediately.
- Expired Blue Badges cannot be used and you should immediately apply for a replacement through KNPD. Applications should be submitted at least two months in advance.
- If a Blue Badge holder is deceased, their relatives should immediately return the Blue Badge to KNPD. If they fail to do so, KNPD requests the Police to retrieve the document themselves.
- If a Blue Badge is lost the person should write to KNPD for a new one to be issued. The person needs to make a decleration under oath which can be done at KNPD through an appointment.

**The scheme in brief**

**The Blue Badge Scheme (also known as the Blue Sticker) is issued by the Commissioner of Police on the recommendation of the National Commission Persons with Disability (KNPD). The document is issued to people with a mobility impairment with the aim of maximising their mobility.**


More information:
**National Commission**
**Persons with Disability**
Bugeia Institute
Braille Street
Santa Venera SVR 1619
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS only: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org
**www.knpd.org**


FOR DIVERSITY
AGAINST DISCRIMINATION


This factsheet is partly financed by the Progress Programme of the European Union.
The information contained therein does not necessarily reflect the opinion and position of the European Commission.

Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

# Blue Sticker

**Is-servizz fil-qosor**
**Il-Kummissarju tal-Pulizja fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) joħroġ id-dokument tal-Blue Sticker lill-persuni li għandhom nuqqas ta' mobilità biex jgħinhom bit-trasport tagħhom.**

## DESKRIZZJONI

**X'jinkludi dan is-servizz?**
Persuni li għandhom problema ta' mobilità jingħataw il-Blue Sticker maħruġa f'isimhom li permezz tagħha huma jkunu jistgħu jipparkjaw il-karozza li tkun qed tittrasportahom f'parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità.

Il-Blue Sticker hu mibni skont il-mudell Ewropew u hu rikkonoxxut fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

## ELIĠIBILTÀ

**Min jista' jkollu dan il-Blue Sticker?**
Persuni li għandhom nuqqas ta' mobilità skont dawn il-kriterji:

- Persuni li għandhom diżabilità permanenti fil-viżta tagħhom li tirriżulta, anke wara korrezzjoni, f'nuqqas ta' viżta li ma taqbiżx 6/60 fl-għajn bl-aħjar viżta, jew li tillimita l-parti li wieħed jara għal anqas minn angolu ta' 20 grad (tunnel vision) u li jużaw karozza b'mod regolari.
- Persuni b'diżabilità severa permanenti fiż-żewġ dirgħajn u li jsuqu karozza regolarment, pero' ma jistgħux jużaw l-isteering wheel ta' karozza b'idejhom anke jekk permezz ta' 'pum' ma' l-isteering wheel.
- Persuni li għandhom diżabilità fiżika permanenti u sostanzjali li kawża tagħha jew ma jimxux jew jimxu b'diffikultà kbira ħafna, jew inkella li kawża tad-diżabilità kull sforz ta' mixi jista' jservi ta' detriment għal ħajjet il-persuna u liema persuni jużaw karozza b'mod regolari.
- Persuni b'diżabilità mentali permanenti severa jew li għandhom imġieba diffiċli severa u li għandhom bżonn l-għajnuna jew superviżjoni frekwenti matul il-ġurnata u matul il-lejl u li jużaw karozza b'mod regolari.
- Tfal taħt is-sentejn ma jikkwalifikawx.

## PROĊEDURA

**Kif tista' tapplika għal Blue Sticker?**

- L-ewwelnett persuna b'diżabilità trid tkun reġistrata mal-KNPD. Dan isir billi timla l-informazzjoni rikjesta fil-formola tal-applikazzjoni.
- Trid timla l-formola ta' l-applikazzjoni għal dan is-Servizz li tinkiseb mill-uffiċini tal-KNPD (li tinkludi stiker żgħir fejn l-applikant irid jiffirma).
- Professjonist tal-KNPD jara b'appuntament l-applikant fl-uffiċini tal-KNPD.
- Il-Blue Sticker tista' tinħareġ (b'mod permanenti pero' trid tiġġedded kull 5 snin) jew inkella (b'mod temporanju għal żmien iqsar).
- F'każ li l-applikazzjoni tiġi rrifjutata, l-applikant jista' jappella billi jikteb lill-Bord tal-Appell, c/o Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Dan il-Bord huwa tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-KNPD tagħmel biss ix-xogħol amministrattiv.

**X'dokumenti hemm bżonn?**

- L-applikazzjoni mimlija kollha, inkluż iċ-ċertifikat tat-tabib li hemm magħha.
- Firma ta' l-applikant fuq l-isticker iż-żgħir li hemm ma' l-applikazzjoni.
- Żewġ ritratti reċenti ta' l-applikant daqs ta' passaport – wieħed minnhom iffirmat minn professjonist/a.
- Miżata ta' €11.50 (li titħallas l-ewwel darba biss).

## UŻU TAJJEB TAL-BLUE STICKER

- Il-Blue Sticker trid tintuża biss mill-persuna li għandha nuqqas ta' mobilità.
- Meta tipparkja f'postijiet riservati għall-persuni b'diżabilità l-Blue Sticker trid tkun mal-windscreen tal-vettura. Ir-ritratt tal-persuna b'diżabilità ma għandux jidher.
- Jekk il-kitba tal-Blue Sticker, għal xi raġuni, ma tibqax tinqara, il-Blue Sticker għandha tinbidel minnufih.
- Ma jistax isir użu minn Blue Stickers skaduti. Dawn għandhom jinbidlu mill-uffiċini tal-KNPD. Il-persuna għandha tapplika mill-inqas xahrejn qabel.
- Meta l-applikant jiġi nieqes, il-familjari tiegħu jew tagħha għandhom jirritornaw minnufih il-Blue Sticker lill-KNPD. Jekk ma jsirx dan il-KNPD titlob lill-Pulizija biex jiġbru dan id-dokument huma.
- Jekk persuna titlef il-Blue Sticker, trid tikteb lill-KNPD biex tkun tista' tinħarġilha Blue Sticker ġdida. Trid ukoll tagħmel dikjarazzjoni b'ġurament, li jista' jingħata wkoll minn uffiċċjali tal-KNPD stess b'appuntament minn qabel.

Għal iżjed informazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali**
**Persuni b'Diżabilità**
Bugeia Institute
Triq Braille
Santa Venera SVR1619
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org
**www.knpd.org**

NGĦOŻŻU D-DIVERSITÀ
DISKRIMINAZZJONI QATT

Din l-attività hi ffinanzjata parzjalment mill-Fondi tal-Programm Progress tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni mhux neċessarjament tirrifleti l-opinjoni u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Din l-informazzjoni kienet eżatta meta ġiet ippubblikata u xi dettalji jista' jkun li nbidlu. Għal aktar informazzjoni, ara www.knpd.org, ibgħat email fuq helpdesk@knpd.org, ċempel fuq 2278 8555 jew ibgħat SMS fuq 7978 8555.